## *AVVIŻI*

1. Il-laqgħat li jmiss se jsiru kif ġej:
   Il-Ħadd 1 u 15 ta' Jannar 2006 fit-3.00p.m.
   Il-Ħadd 5 u 19 ta' Frar 2006 fit-3.30p.m.
   Il-Ħadd 5 u 19 ta' Marzu 2006 fl-4.00p.m.
   Il-Ħadd 2 u 16 ta' April 2006 fil-5.30p.m.
   Ikun hemm trasport mill-pjazza tas-Siġġiewi għall-Girgenti li jitlaq kwarta qabel il-ħin tal-laqgħa.
2. Dawk li qalgħu xi grazzja huma mħeġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat. Huwa mportanti li, kemm jista' jkun, ittuna ċ-ċertifikat tat-tabib fejn jiċċertifika l-fejqan tagħkom.
3. Inħeġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta' sħubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistgħu jittieħdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Spiteri, 6 A/2, Main Street, Siġġiewi jew mill-website tal-Moviment.
4. Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba' kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Dawn il-kotba jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz fuq imsemmi.
5. Wieħed jista' jakkwista wkoll santi bit-talba ta' interċessjoni ta' Ġuża Mifsud (**bil-Malti u bl-Ingliż**) kif ukoll domni, **keychains** u kuruni bix-xbieha tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn jinkisbu biss mill-Girgenti jew inkella mingħand xi membru tal-Kumitat.
6. L-indirizz tal-website tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej: www.ourladyofconsecration.org

**DIKJARAZZJONI:** *Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.*

Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 65 JANNAR 2006 JITQASSAM BLA ĦLAS



Santa li tqassmet minn Ġuża Mifsud fis-27 ta' Jannar 1990 fl-okkażżjoni tas-67 sena tagħha.

*Il-Kumitat Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni*
*jawgura l-isbaħ xewqat għal*
*Sena Tajba*
*mimlija mħabba u paċi*
*lill-membri kollha tal-Moviment,*
*lill-qarrejja ta' dan il-fuljett,*
*lill-Maltin u 'l-Għawdxin kollha u 'l-proxxmu kollu.*
*Jalla l-paċi tal-Mulej issaltan fuq id-dinja kollha!*

## TESSERAMENT FIL-MOVIMENT

Il-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni twaqqaf minn Ġuża Mifsud fis-17 ta' Ġunju 1987. Skond l-istatut l-għan ewlieni tiegħu huwa t-tixrid tal-Kult u devozzjoni lejn il-Madonna, billi jiġu kkonsagrati lilha kemm individwi u kemm familji, kif ukoll l-istess soċjeta tal-bnedmin.

F'messaġġ għal-laqgħa ta' Frar 1994, Ġuża qalet, "...il-Moviment tagħna huwa msejjes fuq l-aqwa teżori li għandu Alla: Ġesu' ta' l-Ewkaristija u l-Madonna." Fil-laqgħa ta' Settembru 1993, Mons. A. Buontempo, qal hekk: "Meta nieqaf daqsxejn nimmedita u naħseb fuq dan il-Moviment tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni, ngħid li huwa misteru. Misteru għaliex dan it-titolu tal-Madonna imkien ma sibnieh miktub, imkien ma' jeżisti. Il-Moviment tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni għandu sinifikat kbir, għandu tifsira kbira..."

Ta' spiss kienu l-appelli li Ġuża kienet tagħmel għal membri ġodda fil-Moviment. F'Novembru 1996 hija qalet, "Is-Sinjura tal-Ħajja tridu li jikber il-Moviment, u għandna nkabbruh ħafna l-Moviment bit-tesseri, u bl-imħabba u bil-paċi li għandna nħossu lejn xulxin." F'messaġġ ieħor, dak ta' Jannar 1994, hija qalet, "Il-Madonna tħobb anka lil dawk illi jgħidu li ma jafuhiex, anka lil dawk li jidgħu biha, anka lil dawk li jiddisprezzawha, aħseb u ara l-Madonna kemm tħobb lilna tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Infittxu nkabbruhulha dan il-Moviment... Il-Madonna trid li kemm il-bniedem, kemm il-familja hawn fid-dinja, il-familji u d-djar kollha, mhux ta' Malta u Għawdex biss imma tad-dinja kollha jiġu kkonsagrati lill-qalb tal-Mulej Ġesu u l-qalb immakulata tal-Madonna."

Ukoll f'Settembru 1996, Ġuża qalet hekk, "Jiena ħa ngħidilkom, ħbieb tal-Kumitat, ħbieb tal-Moviment... illi s-Sinjura tal-Ħajja ukoll tridna nittesseraw u nkabbru n-numru tal-Moviment, tafux! Min hu nisrani u min għandu l-magħmudija u min għandu l-grizma u min għandu t-tagħlim tal-Knisja, is-Sinjura tal-Ħajja trid li ningħaqdu ma dan il-Moviment illi tant bata, illi tant sofra. Jiena, Ġuża, batejt ħafna ma' dan iż-żmien, imma jiena s-solljiev tiegħi, taf x'inhu? Illi meta jkolli dahri mal-ħajt b'xi ħaġa, nisma' l-kuntatt illi jgħidli: "Agħmel il-kuraġġ, qawwi qalbek għaliex m'hux dak li qed jgħidulek in-nies, imma ma' dak li qed jgħidlek il-Mulej għandek x'taqsam inti. Agħmel il-kuraġġ għax dak li jrid il-Mulej illi jsir hemm fuq irid isir, u toqgħodx tinkwieta..."

### X'INHUMA L-OBBLIGI U D-DRITTIJIET TAT-TESSERAT?

1. Jgħid it-talba tal-"Konsagrazzjoni tal-Qlub tagħna lill-Madonna" u jemmen f'dak li jkun qiegħed jgħid;
2. It-tesserat għandu jwiegħed li jagħmel ħiltu biex ixerred id-devozzjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni u ta' Ġesu Ewkaristija (kif kienet tgħidilna Ġuża Mifsud);
3. It-tesserat għandu jkun jaf fuq il-ġrajjiet tal-Girgenti (messaġġi tal-Madonna, grazzji, konverżjonijiet, eċċ) u jgħaddi dan it-tagħrif lil ħaddieħor;
4. Jattendi għal-laqgħat ta' talb fil-Girgenti meta jista'. Meta ma jistax għandu jagħmel ħiltu biex jingħaqad spiritwalment ma' dawk preżenti l-Girgenti sabiex jintlaħaq l-iskop tal-laqgħa.
5. Għandu jitlob għall-membri l-oħra tal-Moviment u għal dawk li jkunu rrakkomandaw ruħhom fit-talb tal-Moviment.
6. Jgħin kif jista' biex il-Moviment ikompli jikber, anka billi jħeġġeġ oħrajn isiru membri, biex jattendu għal-laqgħat jew biex jitilgħu jitolbu ħdejn il-Madonna fil-Girgenti ukoll meta ma jkunx hemm il-laqgħat immexxija mill-Kumitat.
7. Min ikun ittesserat biss jista' joħroġ kandidat tal-Kumitat tal-Moviment, u għandu dritt jivvota fil-laqgħa li ssir apposta biex jintgħażel Kumitat ġdid. Aktar tard din is-sena jmiss il-ħatra ta' Kumitat ġdid.
8. L-akbar vantaġġ huwa li jekk kull tesserat jitlob għat-tesserati l-oħra tal-Moviment, allura t-tesserati jkunu qed jibbenefikaw mit-talb li t-tesserati jagħmlu għal xulxin.
9. Il-membri tinħarġilhom tessera u ma hemm ebda ħlas x'tagħmel biex tiġi ttesserat.

Ejjew nilqgħu bil-qalb l-appelli li għamlet il-maħbuba Ġuża. Kif taraw ma hemm l-ebda obbligu straordinarju li huwa diffiċli li jintlaħaq. Ċerta li ħafna minnkom diġa tagħmlu dawn l-affarijiet kollha u aktar ukoll! Għalhekk min għadu mhux tesserat fil-Movi-

ment għandu jimla l-formola ħalli jsir membru. Tistgħu timlew il-formola li qed tidher ma dan il-fuljett u minn irid aktar formoli għall-membri tal-familja jew ħbieb jista' jew joħodhom mill-kamra li hemm il-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja f'6 A/2, Main Street, is-Siġġiewi jew inkella billi wieħed jidħol fil-website tagħna, **www. ourladyofconsecration.org** u jistampa l-formola minn hemmhekk. Il-formoli mimlija għandhom jiġu mgħoddija lura lis-Segretarja, personalment jew bil-posta (fl-indirizz indikat aktar 'il fuq), jew lil xi membru ieħor tal-Kumitat.

Nirringrazzjakom bil quddiem. Viva l-Madonna tal-Konsagrazzjoni!

*Sylvana Spiteri LL.D*

## APPLIKAZZJONI GĦAL SĦUBIJA FIL-MOVIMENT

Jiena li hawn taħt jidher ismi, nitlob li nissieħeb f'dan il-Moviment u nwiegħed li nxerred kemm nista' devozzjoni sħiħa lejn il-Madonna u li nikkonsagra ruħi Lilha. Inwiegħed li nattendi għal-laqgħat fil-Girgenti, meta nista', u li nitlob għat-tesserati l-oħra.

**(Imla b'ittri kbar minbarra l-firma)**

**Isem u kunjom** ______________________________

**Indirizz** ______________________________

______________________________

**Data tat-twelid** __________ **I.D. No.** __________

**Nru. tat-telefon** __________ **Data** __________

**Firma** ______________________



# GRAZZJI MAQLUGĦA

**N.N. miż-Żurrieq** tirringrazzja lil Alla għal grazzja li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni u ta' Ġuża Mifsud. Hija tgħid kif missierha kien ibati b'uġigħ kbir ta' artrite f'daħru tant li ma setgħax joqgħod fis-sodda, kien ikollu joqgħod il-ħin kollu fuq pultruna. Il-ftit sigħat tiegħu kien isibu meta hi kienet tagħmillu l-ilma li ħadet mill-Girgenti. Għalkemm il-missier miet minħabba komplikazzjonijiet oħra li nqalgħu iżda hi xorta trid tirringrazzja lil Alla għal fatt li meta kienet tagħmel l-ilma ma daħar missierha kienet tara t-tbatija tiegħu tonqos.

**C. Pisani minn tas-Sliema** tirringrazzja lil Alla li bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni u ta' Ġuża Mifsud, in-nepputija tagħha għaddiet mill-eżamijiet kollha u tista' tibda kors l-Università.

**M. Spiteri** tirringrazzja lil Alla li bl-interċessjoni tal-Madonna u ta' Ġuża Mifsud qalgħet grazzja kbira. Kienet inkwetata ħafna għaliex kellha l-qxur f'rasha iżda meta għamlet l-ilma li ħadet mill-Girgenti fuq rasha, il-qxur mar.

**A. Farrugia mill-Belt kiteb hekk:** Nirringrazzja lil Alla li bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Girgenti u ta' Ġuża Mifsud qlajt din il-grazzja. Kelli uġigħ ta' ras u għajnejja kienu jaħarquni. Kien ilni hekk xi erbat ijiem meta qbadt santa ta' Ġuża, ħarist lejha u donnha ħassejtha tgħidli li ma għandi xejn. Wara xi siegħat ħassejtni aħjar u għaddieli kollox.

**N.N. minn B'Kara** kitbet li tixtieq tirringrazzja lil Alla li bl-interċessjoni tal-Madonna qalgħet diversi grazzji. Waħda meta t-tifel iż-żgħir kien sabilha xi pilloli qawwijin u għalkemm hu qalilha li kien belagħhom hi filfatt sabithom fl-intier tagħhom, it-tieni rigward it-tifel il-kbir li qalgħa grazzja personali u anka għadda mill-eżamijiet u t-tielet meta fieqet minn mard li kellha f'saqajha hi stess. Tgħid li marret għand il-Professur u għamlet ħafna ngwenti imma kien kollu għal xejn. Darba qbadet l-istatwa tal-Madonna, għamlitha ma sieqha u talbet lill-Madonna tfejjaqha. Minn dak il-ħin hi tgħid li fieqet.

**J. F. minn Raħal Ġdid** bagħtilna rapport twil li minnu ser inġib xi siltiet: Kien it-8 ta' Frar 2005 meta jiena kont ma niflaħx bl-influwenza. Kont ilni ma niflaħx aktar minn ġimgħa u ddeċidejt li mmur għat-tieni darba għand it-tabib li tani l-antibiotics. Wara ġimgħa nieħu dawn il-pilloli kien għadu m'għaddilix u anka nħnaqt xi ftit. L-Erbgħa 16 ta' Frar 2005, jum it-twelid tiegħi, iddeċidejt li nieħu Chest X-Ray.
Min kien ser joħodli l-X-Ray staqsieni x'ġagħalni nieħu l-X-Ray u jien weġibtu li biex

inserraħ rasi li kollox huwa sewwa. Dr. Crockford ħadli l-X-Ray u qalli biex nistenna barra. Wara ftit sejjaħli u staqsieni għandhiex X-Rays oħra minn ta' qabel u peress li kelli mort id-dar għalihom sabiex ikun jista' jqabbilhom. Qalli li għandi bżonn nieħu CT Scan, ħadtu dakinhar stess u apparti li ċempel lit-tabiba tiegħi qalli li ser jagħmilli appuntament mal-Professur Caruana Montaldo.

Mort għand il-Professur il-Ħamis 17 ta' Frar 2005 flimkien ma marti u ż-żewġ uliedi. Hu ukoll staqsieni x'fettilli nieħu l-X-Ray mingħajr ma kien batni tabib u jiena erġajt weġibt li biex inserraħ rasi. Qalli li m'hemmx affarijiet sbieħ u fil-preżenza tal-mara u t-tfal qalli li kelli tumur fil-pajp li dieħel għal ġewwa l-pulmun. Saret *biopsy* u r-riżultat kien illi għandi tumur ta' 4mm li la setgħa jintlaħaq bl-istrument u lanqas stajt niġi operat għax bl-operazzjoni aktar issir ħsara milli ġid. L-unika soluzzjoni kienet li jintużaw ir-raġġi. Waqt li kont inkun nieħu r-raġġi jiena kont dejjem nitlob lil Ħniena Divina, lill-Ispirtu s-Santu, lill-Madonna ta' Pinu, lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni (Madonna tal-Girgenti), lil Santa Fawstina u lil Beatu Dun Ġorġ Preca.

Fl-1 ta' April 2005 smajt il-quddiesa fil-kappella fejn hemm midfun il-Beatu Dun Ġorġ Preca u attendejt il-laqgħa ta' talb li ssir kull l-aħħar ġimgħa tax-xahar. L-għada, is-Sibt 2 ta' April kont Għawdex u attendejt għal-Healing Service immexxi minn Dr. John fil-Bażilika ta' San Ġorġ. Dr. John talab għal persuna li kellha ħaġa serja fil-pulmun u wara talab għall-bżonnijiet tal-Papa. X'ħin spiċċa t-talba bdew jindaqqu l-qniepen u tħabbret il-mewt tal-Papa Ġwanni Pawlu II. Dr. John sejjaħli u għamilt kuraġġ u tlajt fuq l-artal. Talab fuqi u qalli li l-Ispirtu s-Santu kien fejjaqni.

Komplejt nieħu r-Radioterapija għax kien jonqosni mmur għaxar darbiet oħra u kont inkun batut ħafna minħabba s-side effects. Fis-17 ta' April 2005 spiċċajt ir-radioterapija u kelli appuntament ieħor ma Dr. Brincat fis-17 ta' Ġunju 2005. F'dan il-perjodu jien sirt bniedem li ħlief infaħħar lill-Mulej Alla Spirtu s-Santu, lil Ħniena Divina, lill-Madonna ta' Pinu, lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni, lil Santa Fawstina, lil Beatu Dun Ġorġ Preca u lil Papa Ġwanni Pawlu II ma bdejtx nagħmel. Sirt ukoll membru ta' Grupp Bibliku li kull meta niltaqgħu nfaħħru lil Mulej, nitolbu u nevanġelizzaw fid-djar.

Fis-17 ta' Ġunju mort għand Dr. Brincat. Qalli biex nieħu *CT Scan* ieħor u rreferieni għal għand Dr. Vassallo li meta ra s-*CT Scan* qalli li l-*mass* li kelli ta' 4mm ma kienx għadha teżisti. Huwa hejja rapport u bagħtu lil Dr. Brincat bl-email, tant li meta fl-20 ta' Ġunju erġajt mort għand Dr. Brincat, dan kif rani qalli, "Sparixxa."

Jiena li għaddejt minn din it-trawma nħoss li ġejt imfejjaq bl-għajnuna ta' l-Ispirtu s-Santu u bl-interċessjoni tal-Beatu Dun Ġorġ Preca u l-Madonna tal-Konsagrazzjoni (Madonna tal-Girgenti). Inżid li meta kont qed niġi mfejjaq bl-għajnuna ta' l-Ispirtu s-Santu, ftit minuti wara tħabbar li l-Papa Ġwanni Pawlu II mar jiltaqa' mal-Mulej.

Jiena nixtieq li siltiet mill-istorja tiegħi jiġu ppubblikati fuq Leħen il-Girgenti sabiex il-fidili jersqu aktar lejn il-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Grazzi u l-paċi magħkom.



## NIĠBRU KEMM NISTGĦU INFORMAZZJONI

Żgur li ħafna huma dawk minnkom li kellkom esperjenzi sbieħ meta fil-passat iltqajtu ma' Ġuża Mifsud: qaltilkom xi ħaġa li kienet ta' faraġ kbir għalikom jew ta' serħan ta' moħħ; qaltilkom xi ħaġa li mbagħad seħħet; qlajtu xi grazzja bl-interċessjoni tal-Madonna u/jew tagħha u għadkom ma ktibtuhiex; ħassejtu xi ħaġa partikolari meta kontu d-dar tagħha; tafu b'xi ħadd li għandu x'jirrakkonta, eċċ.

Nappellalkom sabiex tiktbu dawn l-esperjenzi, toqgħodux lura! Apparti li tistgħu tkunu ta' ħafna ġid, dan huwa mezz kif inxerrdu d-devozzjoni lejn il-Madonna u ngħidu grazzi lil Ġuża għal wirt kbir li ħallitilna. Xejn ma jiġi pubblikat mingħajr il-permess tagħkom. L-iskop tagħna mhux li nippubblikaw dawn l-esperjenzi iżda li niġbru kemm nistgħu materjal għal meta jasal il-waqt li dawn il-ġrajjiet jiġu nvestigati mill-Awtoritajiet kompetenti.

Nappella wkoll lil dawk li għandhom xi videos ta' Ġuża li ħadu huma stess jew li setgħu akkwistaw mhux mill-Girgenti sabiex jikkuntattjawna. L-istess jekk hemm xi ħadd li għandu kopja tad-diskors li Ġuża kienet għamlet il-Girgenti fi Frar 1987, ġentilment nitolbu biex jikkuntattjana.

Min ikollu xi diffikulta' jew jixtieq aktar tagħrif jista' jikkuntattjani jew f'6 A/2, Main Street, Siggiewi jew permezz ta' l-email: **sylvana.spiteri@europe.com.**

Nirringrazzjakom tal-ko-operazzjoni tagħkom.

## TALBA

Sinjur Alla ta' l-Eżerċiti ixħet il-ħarsa tiegħek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volonta' mqaddsa tiegħek.

Mulej, nadurak, imbierkek u nfaħħrek u filwaqt li niżżik ħajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni tagħha u ta' Ommi Marija Santissima, taqlagħli din il-grazzja li tant nixtieq. Amen.

*Glorja lill-Missier...*